MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Numru. 165/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Josef Farrugia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef Farrugia ta' 25 sena bin il-mejjet Anthony u Mary nee Cilia, imwieled il-Pieta' nahr id-19 ta' Marzu 1980 u residenti 5 Triq il-Gardenja Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 1685850 (M)

Akkużat tlali f'Santa lucia nhar il-15 ta' Ġunju 2005 u matul ix-xahar qabel din id-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) U aktar tali kiser il-kundizzjoni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b’sentenza tal-Maġistrat Dr.L.Quintano LL. nhar it-8 ta’ Frar 2005 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’każ ta’ sejbien ħtija tapplika wkoll l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess fosthom iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1685 tal-1980, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2005, il-fedina penali tal-imputat a fol 11 et, l-istqarrija tal-imputat a fol.23, il-proċes verbal a fol. 25 u 29intitlolat 'Stqarrija ġuramentata ta' Amanda Aquilina', in-nomina tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analiżi, kopja tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar 2005 fil-konfront tal-imputat (fol.71) u r-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol.86.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

3. Rat li l-imputat kien mogħti diversi seduti sabiex itella' x-xhieda naqas li jagħmel dan.

4. Rat li dan il-proċess tħalla għas-sentenza  fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2009.

Ikkonsidrat

5. Skond ix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech, il-Pulizija għamlet tfittxija fid-dar tal-imputat fejn instabu diversi affarijiet relatati mad-droga – siringi u borża bi trab kannella.

6. Xehdet ukoll WPS 45 Marisa Bartolo li qalet li kemm damu josservaw il-bieb ta' fejn joqgħod l-imputat raw diversi nies iħabbtu. Fil-handbag tal-omm kienu nstabu xi siringi li l-omm qalet li kienet ġabet mill-polyclinic minħabba persuna tal-familja li tuża l-insolina.  Iz-zija iżda kienet ċaħdet li kienet tablet lil xi ħadd iġibilha xi siringi waqt li l-persuni nkarigati fil-Polyclini ċaħdu li huma jagħtu xi siringi għal dan l-iskop. Meta daħlu ġewwa (fol32) hija sabe borża bi trab kannella suspettata droga eroina. Sabu wkoll karti mqattgħin f'forom ta' sachets li kienu jidhru li xi darba ntużaw għad-droga.   Din ix-xhud għarfet l-affarijiet elevati waqt li kienet qed tixhed.

7. PC 1348 Joseph Campbell xehed dwar it-tfittxija u kkonfrma l-fatti kif rakkontati mix-xhud preċedenti. (Ara fol.60) Huwa qal li s-sachets kienu fil-kamra tas-salott u dawn kienu elevati fil-preżenza tal-omm.

8. Mill-istqarrija ġuramentat ta’ Amanda Aquilina jirriżulta li fil-15 ta’ Ġunju 2005 wara nofs in-nhar hija kienet marret id-dar tal-imputat biex tixtri d-droga eroina kif kienet għamlet dawn l-aħħar ħmistax. Hija qalet li kienet xtrat darba kull jum matul l-aħħar ħmistax-il jum. Hija kienet tħallsu Lm5 u kien jagħtiha d-droga f’pakketti tal-karti bħal dawk li kienet qed tara fl-uffiċju. (Fol.48).

9. Amanda Aquilina xehdet ukoll fl-Awla. Hi għarfet lill-imputat fl-Awla u qalet li kienet ilha tafu ħmistax. Hija xehdet li kienu jieħdu d-roga flimkien. Hija qalet ukoll li ġieli kienet ħallset tad-droga. Daqqa kienet ittih ħames liri Maltin u daqqa xejn. Dan sar darba kull jum għall-ħmistax ta’ qabel ma kienet arrestata. Hija kienet tmur d-dar tal-imputat għad-droga.

10. Xehed ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud li kkkonkluda li fit-tmien qratas vojta li kien hemm fid-dokument 606/05/01c instabu t-traċċi tal-eroina. (fol.89)

11. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fl-**1 ta’ Novembru 2005.**

12. Minn dak in-nhar sa llum, l-imputat qatt ma tella’ xi provi minkejja n-numru konsiderevoli ta’ seduti li ngħataw għal dan il-għan.

13. Għal din id-raġuni l-Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tiddiferixxi l-każ għas-sentenza.

14. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat biex id-droga eroina lil Amanda Aquilina għal ħmistax-il jum fi jew qabel il-15 ta’ Ġunju 2005. Il-Qorti kellha ċ-ċans tara lil din ix-xhud tiddeponi minn fuq il-pedana u qabblet ukoll din ix-xhieda ma’ l-istqarrija li kienet ikkonfermata bil-ġurament.

15. Fil-fehma tal-Qorti, minħabba din ix-xhieda l-ewwel imputazzjoni kienet ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

16. It-tieni imputazzjoni kienet ippruvata wkoll minħabba t-traċċi ta’ eroina misjuba mill-Ispiżjar Mario Mifsud, l-espert

maħtur mill-Qorti għal dan il-għan. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat iż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h0 tal-Kap 9.

17. It-tielet imputazzjoni kienet ippruvata permezz tal-preżentazzjoni tas-sentenza u l-għarfien tal-imputat magħmul mill-Prosekutur.

**Konklużjoni**

18. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101 u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjonijiet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tien waħda hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

19. Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' sentejn (li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventive) u għall-ħlas ta' multa ta' **€1100.** Din tista' titħallas bir-rata ta' €80 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi parti minn din il-multa din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

20. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-unika ħatra li saret u li jammontaw għal **€238.52** li għandha titħallas fi żmien xahar mil-lum u jekk ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

21. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' dak li kien ippreżentata taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------